# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Rikors Numru 280/2022 TA**

**Coinspace Limited (C70466)**

**vs**

**Ante Kelava (Karta tar-Residenza numru MT 6961774)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Ante Kelava (ir-rikorrenti) tat-30 ta' Marzu 2022.

Rat ir-risposta ta' Coinspace Ltd (Soċjeta' intimata) tas-27 ta' Lulju 2022.

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-proċeduri.

Rat ukoll il-verbal tal-4 ta' Awwissu 2022.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli avukati tal-partijiet fis-seduta tat-29 ta' Lulju 2022.

Rat li r-rikors tħalla għal digriet in camera.

**Ikkunsidrat:**

Dawn il-proċeduri qiegħdin isiru abbażi ta' dak li jiddisponi l-artikolu 742(5)(d) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, li għandu jinqara fid-dawl tas-subartikolu 4 tal-istess artikolu jiddisponi hekk:

*"(4) Meta ssir talba minn persuna li tkun parti fi ftehim ta'arbitraġġ, il-qrati jistgħu joħorġu kull att kawtelatorju, f'liema każ, jekk dik il-parti tkun għadha ma ressqitx it-talba tagħha quddiem arbitru, it-termini stabbiliti f'dan il-Kodiċi li fihom għandha tinbeda l-azzjoni dwar it-talba għandhom ikunu ta' għoxrin jum mid-data tal-ħruġ tal-att kawtelatorju.*

*(5) Att kawtelatorju maħruġ skont ma hemm fis-subartikolu ta'qabel dan għandu jitneħħa:*

*(a) jekk dik il-parti li jinħareġ kontriha tagħmel dak id-depożitu jew tagħti dik il-garanzija li tkun biżżejjed sabiex tiżgura d-drittijiet jew it-talbiet imsemmija fl-att; jew*

*(b) jekk min japplika jonqos milli jressaq it-talba tiegħu,sew quddiem l-arbitru jew quddiem il-qorti, fit-terminu imsemmi ta' għoxrin jum; jew*

*(ċ) meta jiskadi ż-żmien, oriġinali jew imġedded, tal-att partikolari skont dan il-Kodiċi; jew*

*(d) għal raġuni tajba, fuq rikors tad-debitur, kif il-qorti tista' tqis xieraq fiċ-ċirkostanzi*" (il-parti sottolinejata hija ir-raġuni li fuqha qed tkun ibbażata it-talba rikorrenti).

Dan il-provvediment huwa simili għal dak li nsibu taħt artikolu 836 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Simili imma ma huwiex l-istess, għaliex fil-waqt li dak taħt artikolu 742(5)(d) huwa maħsub espressament li japplika għall-arbitraġġi, l-artikolu 836 huwa unikament maħsub għall-kawżi quddiem il-Qrati ordinarji.

Fid-dawl li s-Soċjeta' rikorrenti qiegħda titlob li jiġu applikati l-effetti tal-artikoli 836(8) u 838A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, il-Qorti tħoss, li għandha mill-ewwel tirrileva s-segwenti:

Għalkemm jista' jkun li dawn iż-żewġ provvedimenti huma simili ma humiex pero' l-istess u l-effetti tagħhom ma jistgħux ikunu applikabbli *mutandis mutandi* jew b'analoġija. Ma hemm ebda provvediment, kemm taħt wieħed u l-ieħor mill-artikoli, li espressament jestendi l-effetti ta' wieħed għall-ieħor. Kieku il-leġislatur ried li jkun hekk, seta' ħaseb għalhekk, bħal ma għamel f'partijiet oħra ta' dan il-kodiċi (ara per eżempju artikoli 268, 846(3) u 849 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta). Ma hemm ebda dubbju, li l-proċedura taħt artikolu 836 hija maħsuba għall-kawża u mhux arbitraġġi, tant li dan l-artikolu jipprovdi fl-introduzzjoni li "*jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qiegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat*". Kieku ma kienx hekk x'kien ikun l-iskop ta' artikolu 742(5)(d).

Għalhekk il-Qorti ser tkun qed tiċħad it-tieni u t-tielet talbiet rikorrenti peress li artikoli li fuqhom huma bbażati ma humiex applikabbli għall-każ li għandha quddiemha din il-Qorti.

Għalkemm kif ingħad, l-artikoli fuq imsemmija ma humiex konsimili, l-element li jrid jirrisulta *prima facie* dritt li jitħares jedd pretiż huwa, xorta applikabbli għal każ li għandha quddiemha l-Qorti. Di fatti iż-żewġ partijiet huma konkordi u dan għaliex, finalment xorta qed jintalab il-ħruġ ta' kontro mandat (ara sottomissjoni tas-Soċjeta' rikorrenti a' fol 4 u dik tas-Soċjeta intimata paragrafu 8 tas-Soċjeta' intimata). Dan il-punt huwa ben definit **fid-Digriet fl-ismijiet Camilleri -vs- Govè et" deċiża fl-10 ta' Mejju 2001,** liema digriet huwa konsistentement ċitat b'awtorevolezza f'ħafna minn Deċiżjonijiet fuq dan il-punt.

Hekk ukoll il-Qorti għandha iżżomm quddiem għajnejha il-prinċipju l-ieħor, li anke l-artijiet jaqblu dwaru, li din il-Qorti għandha toqgħod 'l bogħod milli b'xi mod tippronunzja ruħha dwar il-mertu ta' bejn iż-żewġ partijiet (Ara **Sentenza ċitata mis-Soċjeta' intimata Visa Investments Ltd -vs- Blye Engineering Ltd tas-7 ta' Frar 2001**).

Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar dan l-aspett u ħadet inkonsiderazzjoni li tajjeb jew ħażin kien hemm Lodo deċiż iżda jekk il-mertu huwiex perfettament l-istess jew le, hija Qorti oħra li trid taraħ, billi tidħol fil-fond tal-prinċipju res judicata. Li huwa żgur, hu li b'xi mod it-tieni arbitraġġ huwa relatat ma' fatti ta' dak preċedenti. Il-Qorti dan ma tistax tinjoraħ, b'dan ma jfissirx li qed tiddikjara lilha innifisha dwar x'inhuma l-effetti tal-ewwel Lodo fuq l-aħħar arbitraġġ, li sal-mument li din il-Qorti tat dan id-digriet kien għadu mhux appuntat.

Hadet ukoll inkonsiderazzjoni fatturi oħrajn, dak li s-Soċjeta' intimata tiddeskrivi bħal provi ġodda tat-tieni arbitraġġ biex tiġġustifika l-ħruġ tal-mandat odjern, mingħajr ma tispjega għaliex qed issejjħilhom hekk. Ma tgħidx jekk kienux

ġodda għaliex ma kienitx taf bihom qabel, jew għaliex kienet taf bihom imma ma resqithomx fil-proċeduri ta' qabel minħabba xi impediment li ma kellhiex kontroll fuqu. Dawn kollha pero,' huma aspetti li trid tikkonsidrhom fil-profond dik l-Awtorita' li tiġi adita skond il-liġi għaldaqshekk pero' li ai fini ta' dawn il-proċeduri xorta għandu import sinjifikanti.

Il-Qorti għalhekk tasal għall-konklużjoni, li s-Soċjeta' intimata ma irnexxilhiex tikkonvinċi lill-Qorti, li għandha raġunijiet biżżejjed skont il-liġi, biex il-mandat inkwistjoni jibqa' fis-seħħ. Dan ifisser, li ser ikun ordnat li jinħareġ il-kontro mandat opportun.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija il-Qorti, fil-waqt li qed tilqa **l-ewwel talba rikorrenti** u tordna għalhekk it-tħassir u revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 119/21 * **~~116/2021~~** maħruġ kontra r-rikorrenti Ante Keleva qiegħda **tiċħad it-tieni u tielet talba** għar-raġunijiet spjegati aktar 'l fuq.

Konsegwentement il-Qorti tordna li jinħareġ il-kontromandat opportun.

Stante li mhux it-talbiet rikorrenti kollha ġew milqgħuha spejjeż ta' dan l-episodju jiqbgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Illum, It-tlieta, 23 ta' Awwissu, 2022**

**Imħallef Toni Abela**

* korrezzjoni awtorizzata b'digriet datat 31/8/22

Dep Reg